MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 723/1999/1

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**Avukat Generali u l-Kummissarju ta’ l-Artijiet**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-mansjoni taghha kostituzzjonali, moghtija fil-11 ta’ Lulju, 2001.

Ir-rikors promotur gie ppresentat fis-**16 ta' Novembru, 1999**. Permezz tieghu is-socjeta` rikorrenti (illum l-appellata) ippremettiet li permezz ta' dikjarazzjoni tal-allura Agent President ta' Malta, pubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tal-**21 ta' Marzu, 1989** gie dikjarat li l-fondi numru 4, 5, 6, 7, 8 u 9 fi Triq san Pawl, il-Belt Valletta -- liema fondi flimkien huma maghrufa bhala "Canberra House" u huma proprjeta` tal-istess socjeta` -- kienu mehtiega ghal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 88[1]. Is-socjeta` rikorrenti kompliet tippremetti li hija (sal-gurnata tal-presentata tar-rikors) ma kienet giet notifikata b'ebda att iehor ta' kwalunkwe natura mill-awtoritajiet kompetenti in konnessjoni mad-dikjarazzjoni fuq imsemmija, u anqas ma giet notifikata b'avviz ta' offerta ta' kumpens; li dawn il-fondi kienu fi stat avanzat ta' deterjorazzjoni b'tali mod li jistghu jikkonsistu f'perikolu, tant li hija kienet diversi drabi ghamlet xogholijiet a spejjez taghha biex tevita li l-bini jikkollassa ghal kollox; u li sal-gurnata tal-presentata tar-rikors il-Gvern ma kien ghamel xejn b'dawn il-proprjetajiet, li l-pussess fattwali taghhom baqa' f'idejn l-istess socjeta`. Premess dan kollu, is-socjeta` rikorrenti allegat li dan il-fatt huwa leziv tad-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali taghha u cioe` tal-Artkoli 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-imsemmija Konvenzjoni. Is-socjeta` rikorrenti kompliet telabora li l-lezjoni tikkonsisti b'mod partikolari filli:

**Il-fatt li mill-1989 sallum il-bini fil-konfront ta' liema kienet harget id-dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni fuq indikata, ghadhom fil-pussess fattwali tas-socjeta` rikorrenti, u ma hemm l-ebda applikazzjoni ghall-uzu jew zvilupp ta' l-istess minn naha tal-Gvern, juri li ma jezistix bzonn ta' interess pubbliku ghall-istess bini, liema bzonn ghandu jkun attwali ma' d-dikjarazzjoni tal-esproprjazzjoni, u kontinwu sakemm issir l-esproprjazzjoni effettiva f'idejn il-Gvern skond il-ligi, sabiex requisition jew esproprjazzjoni tkun gustifikata skond il-ligi u l-kostituzzjoni (Artikolu 37 tal-**

[1] Mhux il-Kap. 82, kif erroneament indikat fir-rikors!

**Kostituzzjoni u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni);**

**Il-fatt li mill-1989 ghandu anqas ma gie offert lis-socjeta` esponenti kumpens ghall-proprjeta` fil-konfront ta’ liema inharget id-dikjarazzjoni ta’ esproprjazzjoni fuq indikata, u b’hekk lanqas ma jista’ jigi stabbilit skond il-ligi quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet il-kumpens xieraq u adegwat, huwa lezjoni tad-dritt fondamentali tas-socjeta` rikorrenti li jkollha smigh xieraq ghad-determinazzjoni tad-drittijiet civli taghha fi zmien ragonevoli (Artikolu 6(1) [tal-Konvenzjoni] u Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni).**

Is-socjeta` rikorrenti, ghalhekk, talbet ir-rimedji opportuni. Fost dawn ir-rimedji, l-imsemmija socjeta` talbet b’mod specifku li jigi dikjarat (1) “li ma jezistux [recte: jezistix] interess pubbliku ghat-tehid” tal-proprjeta` in kwistjoni li ghadha ma gietx effettivament espropriata, (2) li l-imsemmija dokjarazzjoni ta’ l-Agent President ta’ Malta, in kwantu tolqot l-imsemmija proprjeta`, hija nulla u bla effett, (3) “tiddikjara illi d-dewmien fid-determinazzjoni tal-kumpens xieraq dovut lis-socjeta` [rikorrenti] jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali [ta’ l-istess socjeta`], u (4) “tikkundanna lill-imtimati jhallsu dawk id-danni li jigu likwidati in kumpens ghal fuq imsemmija vjolazzjonijiet”.

L-intimati (illum appellanti) wiegbu fil-**25 ta’ Novembru, 1999** li l-Kummissarju ta’ l-Artijiet kien agixxa entro l-limiti tal-poteri lilu moghtija bil-Kap. 88, li huwa kellu kull interess li jakkwista il-fondi in kwistjoni b’xiri assolut, u li *“…kien ser jinnotifika lis-socjeta` attrici* [recte: rikorrenti] *mill-aktar fis bin-notice to treat wara li tigi konkluza l-valutazzjoni fuq il-fondi in kwistjoni”.* L-intimati fissru wkoll li in kwantu bbazati fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni id-domandi attrici kienu irricevibbli fit-termini tal-Artikolu 47(9) tal-Kostitizzjoni; u li kwantu bbazati fuq l-Artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni dawn id-domandi kienu wkoll irricevibbli *“…stante li l-amministrazzjoni ta’ l-Istat*

*hija kwistjoni komplessa: il-procedura ghal esproprjazzjoni ta' proprjeta` tinvolvi aktar minn dipartiment governattiv wiehed u ghaldaqstant huwa koncepibbli il-fatt li jista' jghaddi xi zmien mid-data tad-dikjarazzjoni tal-President ghal meta tinhareg in-notice to treat…".*

Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, fil-parti deliberattiva u decizjonali, tghid hekk:
<u>"Il-fatti principali</u>

Dwar il-fatti principali bazikament hemm qbil bejn il-partijiet. Li jsegwi huwa riassunt ta' dawn il-fatti:

(a) Is-socjeta` rikorrenti hija proprjetarja tal-fondi numri 4, 5, 6, 7, 8 u 9, Triq San Pawl, Valletta u li komplessivament huma maghrufin bhala "Canberra House".
(b) Permezz ta' Dikjarazzjoni ta' l-Agent President tar-Repubblika pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern permezz tan-N.G. 169 tal-21 ta' Marzu 1989, dawn il-fondi, flimkien ma' ohrajn proprjeta` ta' terzi, gew dikjarati li huma mehtiega mill-awtorita` kompetenti ghal skop pubbliku skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88) u illi l-akkwist tal-proprjeta` in kwistjoni kellu jkun b'xiri assolut.
(c) Fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2000, id-difensuri tal-partijiet ivverbalizzaw li "jaqblu li minn meta harget id-dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern sad-data tallum ghadu qatt ma sar uzu mill-Gvern ta' din il-proprjeta`; jaqblu wkoll li l-pussess materjali tal-fondi in kwistjoni baqghet dejjem f'idejn is-socjeta` rikorrenti; jaqblu wkoll li s-socjeta` rikorrenti qatt ma giet avvicinata b'xi offerta ta' kumpens da parti tal-Gvern". Mill-banda l-ohra Dr. Cynthia Scerri Debono ghall-Ufficcju tal-Prim Ministru ddikjarat li ghadhom interessati jaghmlu uzu mill-proprjeta` msemmija.
(d) Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2000, il-partijiet ivverbalizzaw li jaqblu li ma hemm l-ebda applikazzjoni pendenti min-naha tal-Gvern jew xi Dipartiment tieghu lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar jew il-predecessur tieghu l-PAPB ghall-uzu jew zvilupp ta' l-istess proprjeta`.

(e) Is-socjeta` rikorrenti giet notifikata bin-*notice to treat* dwar il-fondi in kwistjoni f'Lulju 2000.

L-ilmenti tas-socjeta` rikorrenti

Fir-rikors promotur is-socjeta` rikorrenti tikkontendi li gew lezi fil-konfront taghha d-drittijiet salvagwardati bl-artikoli 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll (is-socjeta` rikorrenti tirreferi biss ghall-Protocol) ta' l-istess Konvenzjoni.

L-ilmenti tas-socjeta` rikorrenti huma specifikati fir-rikors promotorju hekk:

"Illi l-lezjoni ta' dawn id-drittijiet tikkonsisti filli:-

a. Il-fatt li mill-1989 sallum, il-bini fil-konfront ta' liema kienet harget id-dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni fuq indikata, ghadhom fil-pussess fattwali tas-socjeta` rikorrenti, u ma hemm l-ebda applikazzjoni ghall-uzu jew zvilupp ta' l-istess min-naha tal-Gvern, juri li ma jezistix bzonn ta' interess pubbliku ghall-istess bini, liema bzonn ghandu jkun attwali mad-dikjarazzjoni tal-esproprjazzjoni, u kontinwu sakemm issir l-esproprjazzjoni effettiva f'idejn il-Gvern skond il-ligi, sabiex requisition jew esproprjazzjoni tkun gustifikata skond il-ligi u l-Kostituzzjoni (Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Protocol tal-Konvenzjoni);

b. Il-fatt li mill-1989 sallum, ghadu lanqas ma gie offert lis-socjeta` esponenti kumpens ghall-proprjeta` fil-konfront ta' liema nharget id-dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni fuq indikata, u b'hekk lanqas ma jista' jigi stabbilit skond il-ligi quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet il-kumpens xieraq u adegwat, huwa lezjoni tad-dritt fondamentali tas-socjeta' rikorrenti li jkollha smiegh xieraq ghad-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha fi zmien ragonevoli (Artikolu 6(1) tal-Att XIV u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni)".

Jigifieri l-ilmenti tas-socjeta` rikorrenti huma marbuta mal-kwistjoni ta' "bzonn ta' interess pubbliku" ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, u mal-kwistjoni ta' dewmien ("nuqqas ta' smiegh xieraq") ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Fil-fatt is-socjeta` rikorrenti qed titlob dikjarazzjoni li ma jezistix interess pubbliku ghat-tehid tal-fondi msemmija u li ghalhekk id-dikjarazzjoni relattiva ta' l-Agent President tar-Repubblika in kwantu tolqot dawn il-fondi hija nulla u bla effett, kif ukoll dikjarazzjoni li kien hemm dewmien fid-determinazzjoni tal-kumpens xieraq bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghha. Fl-ahharnett qed titlob li l-intimati jigu kundannati jhallsu dawk id-danni li jigu likwidati.

Din id-decizjoni qed tinghata fir-rigward ta' l-ewwel zewg talbiet biss.

<u>Il-ligi</u>

Il-parti relevanti ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tipprovdi hekk:

**"(1) Ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm dispozizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist –**

(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;

(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta` u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; u

(c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta".

L-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi:

“Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.

Izda d-dispozizzjonijiet ta’ qabel ma ghandhom b’ebda mod inaqqsu d-dritt ta’ Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta’ proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta’ taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni”.

L-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:

“Kull qorti jew awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli”.

U l-parti relevanti ta’ l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:

“Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta’ l-obbligi tieghu …. kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi”.

<u>L-eccezzjoni *ratione temporis*</u>

Fir-risposta taghhom l-intimati qajmu l-eccezzjoni li in kwantu l-azzjoni hija bbazata fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni d-domandi tas-socjeta` rikorrenti huma rrecevibbli fit-termini ta’ l-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni stante li tirrigwarda l-operat ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88) li huwa ezentat

mill-operat ta' l-artikolu 37 in forza ta' l-artikolu 47(9) li jipprovdi hekk:

"Ebda haga fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li minn zmien ghal zmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma –
(a) izzidx max-xorta ta' proprjeta` li jista' jittiehed pussess taghha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjeta` li jistghu jigu miksuba;
(b) izzidx mal-finijiet li ghalihom jew cirkostanzi li fihom dik il-proprjeta` jista' jittiehed pussess taghha jew tigi miksuba;
(c) taghmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt ghal kumpens jew l-ammont tieghu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjeta`; jew
(d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bhal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (c) ta' l-artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni".

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti bazati fuq riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-21 ta' Jannar 1993 fl-ismijiet **Vincent Vella et noe vs Kummissarju tal-Pulizija** (Vol. LXXVII.i.36) u ssib li l-pozizzjoni korretta giet ben definita minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni moghtija fid-9 ta' April 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Pawlu Cachia vs Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet** fejn intqal hekk:

"Fi kliem iehor, il-hdim ta' xi ligi ('the operation of any law', fit-test ingliz) fis-sehh minnufih qabel id-data msemmija ma tistax tkun anti-kostituzzjonali fis-sens li tippekka kontra l-artikolu 37. L-istess jinghad ghal xi 'amending act' jew 'substituting act' maghmula <u>f'dik id-data jew wara dik id-data</u> purche` li tali att li hekk jemenda jew jissostitwixxi dik il-ligi ma jkunx jaghmel xi wahda mill-affarijiet

imsemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tal-imsemmi artikolu 47(9).

Issa, ma hemmx dubbu li l-Kap 88 kien fis-sehh qabel it-3 ta' Marzu 1962. Ma hemmx dubju wkoll li l-imsemmija ligi giet emendata wara dik id-data, izda r-rikorrent f'ebda hin ma indika xi emenda li b'xi mod taqa' taht xi wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) ta' l-artikolu 47(9). Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-emendi maghmula wara t-3 ta' Marzu 1962 (hafna minnhom emendi ta' natura formali, bhas-sostituzzjoni tal-Gvernatur Generali bil-President ta' Malta, jew il-kompozizzjoni tal-Bord) biex tara jekk fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' esproprjazzjoni meritu ta' din il-kawza u fir-rigward tal-proceduri ghall-kumpens (ukoll meritu ta' din il-kawza) gewx imhaddma xi 'amending provisions' li jaqghu taht l-imsemmija paragrafi (a) sa (d). Il-Qorti ma tarax li dan huwa l-kaz, fis-sens li d-dispozizzjonijiet imhaddma fir-rigward tal-ordnijiet ta' esproprjazzjoni *de quo* huma kollha salvati bl-artikolu 47(9) milli jiksru l-artikolu 37. Huwa veru li r-rikorrent qed jallega, *inter alia*, in-nuqqas maz-zmien ta' interess pubbliku; pero` ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu 37, moqri fid-dawl tal-artikolu 47(9), dak li trid tara l-Qorti hu biss dak li jipprovdi l-Kap 88 li, fl-artikolu 6 tieghu, jghid:

**'Hadd ma jista' jitlob prova ohra ta' l-iskop pubbliku msemmi fl-artikoli 3 u 4 u fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta'**

Ghalhekk il-Qorti ser tilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimati fir-rigward ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mhux ser tikkonsidra aktar dana l-artikolu".

Dak li ntqal f'dik is-sentenza japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern u ghalhekk l-eccezzjoni ta' l-intimati in kwantu tirrigwarda l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni qed tigi milqugha.

Fl-istess eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew ukoll l-artikolu 47(9) fir-rigward ta' l-artikolu 1 ta' (l-Ewwel) Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. F'dan ir-rigward l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi peress li d-dikjarazzjoni

presidenzjali li qieghda tigi hawn attakkata harget fil-21 ta' Marzu 1989, kwazi sentejn shah wara li gie *in vigore* l-Att XIV ta' l-1987, u cioe` fit-30 ta' April 1987; u l-Att XIV ta' l-1987 mhijiex xi ligi li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962.

<u>L-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll</u>

Dan l-artikolu jistabilixxi tliet principji li jistghu jigu applikati jew separatament jew "in combination". L-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick, fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights" (Butterworths, London, 1995), jikkwotaw silta mis-sentenza moghtija minn dik il-Qorti fil-kaz **Sporrong and Lonnroth v. Sweden** (1982):

"…this provision comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and makes it subject to certain conditions; and the third rule, stated in the second paragraph, recognises the contracting states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not 'distinct' in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule…" (A 52 para. 61)

L-awturi msemmija mbaghad jikkummentaw hekk dwar dan il-passagg:

"The three sentences in Article 1 of the First Protocol will henceforth be referred to as Article 1/1/1, Article 1/1/2 and Article 1/2.
It follows from the above passage that Article 1/1/1 is not only a statement of principle. It also provides a third, separate basis for regulating interferences with the

‘peaceful enjoyment of possessions’ that do not qualify as a deprivation of a person’s possessions subject to Articles 1/1/2 or a control of the use of property subject to Article 1/2. For example, in the *Sporrong and Lonnroth* case itself, the Court found that the grant of expropriation permits, which did not fall within Article 1/1/2 or 1/2, was subject to control under Article 1/1/1 as an interference with the peaceful enjoyment of the houses concerned.

When considering whether Article 1/1/1 has been complied with, the Court applies a ‘fair balance’ test. In the *Sporrong and Lonnroth* case, the Court stated:

‘For the purposes of (Article 1/1/1)…the Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual’s fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1.’” (p.521, 522)

Bilanc gust bejn l-interess tal-komunita` u d-dritt fondamentali ta’ l-individwu

M’hemm l-ebda dubju li d-dritt ta’ proprjeta` u tat-tgawdija pacifika taghha mhuwiex dritt assolut. L-interess pubbliku u l-interess generali jista’ jillimita tali dritt.

Fil-kaz in ezami l-ordni ta’ esproprjazzjoni giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-21 ta’ Marzu 1989. Esproprjazzjoni *ut sic* qatt ma kien hemm peress li s-socjeta` rikorrenti ma gietx “deprived of possession” tal-fondi in kwistjoni. Hija baqghet *de facto* fil-pussess ta’ l-istess fondi, bic-cwievet f’idejha u bil-htiega li, minhabba deterjorazzjoni partikolarment tas-soqfa u li tnejn minnhom sahansitra kkollassaw, jaghmlu t-tiswijiet necessarji in vista ta’ periklu ghal familja li kienet qed tabita f’fond sottostanti. Jigifieri ghalkemm ma kienx hemm interferenza fizika da parti tal-Gvern, is-socjeta` rikorrenti sabet ruhha f’sitwazzjoni ta’ incertezza kontinwa dwar dawn il-fondi minhabba d-dikjarazzjoni tal-21 ta’ Marzu 1989. Ma setghux jizviluppawhom. U da parti tal-Gvern kien hemm ir-rifjut li jigu rilaxxati. Din l-interferenza ghadha tezisti sallum. Jigifieri hemm interferenza fattwali

fit-tgawdija pacifika tal-possedimenti tas-socjeta` rikorrenti.

L-intimati jsostnu li t-tehid tal-fondi in kwistjoni sar ghal skop pubbliku, u cioe` biex jinbena l-progett tal-Parlament. Huma jirreferu ghax-xiehda ta’ Anthony Mifsud, Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, li fl-24 ta’ Lulju 2000 qal hekk:

“Il-hsieb originali kien u ghadu li l-fond hemmhekk isir bini gdid ghall-parlament. Dana kien gie identifikat wara studju li kien sar fuq il-proprjeta` kollha tal-Gvern fil-Belt, u Kastilja kien l-uniku post li seta’ jakkomoda l-Parlament bil-facilitajiet kollha, bil-Ministri, Segretarji Parlamentari u anke membri tal-Parlament.”
“Illi (il-process tal-bini tal-parlament) ma giex abbandunat bhala skop, ghax in-negozjati baqghu ghaddejjin ghal diversi snin.”
“Illi (il-progett) jinvolvi, ovvjament hafna negozjati bejn il-Gvern u l-Oppozizzjoni, jinvolvi wkoll l-Ufficcju ta’ l-iSpeaker, u xi arrangamenti alternattivi li jridu jsiru, fosthom ukoll forsi li jinhareg l-Ufficcju tal-Prim Ministru minn Kastilja, u dan il-process ghadu ghaddej.”

Irreferew ukoll ghall-estimi tal-1990 fejn kienet giet approvata s-somma ta’ Lm400,000 ghal dan il-progett. U ssottomettew li l-mument krucjali biex jigi kkunsidrat jekk esproprjazzjoni saritx fl-interess pubbliku huwa l-mument ta’ l-esproprjazzjoni. Indikaw li l-progett in kwistjoni huwa ta’ importanza nazzjonali u komplew irreferew ghax-xiehda ta’ Anthony Mifsud li qal li

“bhala kumplessita`, il-progett ser jinkludi ukoll Palazzo Parisio fejn hemm illum il-Foreign Affairs, illi l-Gvern jidhirlu li anke mill-punto di vista ta’ sigurta`, ghandu jkun, biex nghidu hekk, bini tal-Gvern”.

Is-socjeta` rikorrenti ssostni li l-interess pubbliku ghandu jkun attwali u mhux potenzjali li xi darba wara hafna snin jista’ jigi attwat u f’dan il-kaz il-progett tal-parlament huwa fl-arja. Irreferew ghal dikjarazzjonijiet maghmula fil-Parlament f’dar-rigward u ghall-fatt li ma saret l-ebda

applikazzjoni min-naha tal-Gvern ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex isir l-izvilupp propost.

Fil-kawza fuq citata **Pawlu Cachia vs Avukat Generali u l-Kummisarju ta' l-Artijiet**, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

"…fil-fehma ta'' din il-Qorti u bhala regola, biex wiehed jista' jiggustifika t-tehid ta' proprjeta` jew l-interferenza mat-tgawdija pacifika ta' tali proprjeta` fl-interess pubbliku jew fl-interess generali irid ikun gie identifikat b'mod konkret dak l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali. Mhux sufficjenti, ghalhekk, li jkun hemm progett fl-arja jew il-mera possibilita` ta' xi progett, ghax altrimenti facilment, taht il-pretest tal-interess pubbliku jew l-interess generali, jigi eluz dan id-dritt fondamentali. Huwa f'dan is-sens li jrid jinzamm bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` u l-interess tal-individwu."

Fil-kaz in ezami, kien jezisti progett konkret fl-1989. Difatti fl-estimi ta' l-1990 giet allokata s-somma ta' Lm400,000 ghal "New Parliament Buildings" (Dok. AM2 a fol. 61). Izda minn dakinhar ma regghetx giet allokata somma ghal dan l-iskop. Huwa veru li fl-1995 u fl-1996 saru kuntratti ma' terzi li permezz taghhom gew akkwistati l-fondi numri 10A, 11 u 12 minghand terzi – izda fond minnhom illum qieghed jintuza bhala l-Ufficcju tal-Ombudsman u iehor l-Ufficcju tal-Management Efficiency Unit. Anthony Mifsud iddikjara li ghad hemm interess fil-progett tal-Parlament. Izda qatt ma saret applikazzjoni mal-PAPB jew ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex isir l-izvilupp propost. Jekk fil-bidu kien hemm interess f'dan il-progett, jidher li llum dan l-interess ma jezistix u dan kif jidher anke mid-dikjarazzjonijiet l-aktar recenti li saru fil-Parlament stess. Jekk jezisti interess, dan illum ma jirrizultax lill-Qorti mill-provi prodotti li huwa interess konkret u attwali izda biss l-ideja li forsi xi darba dak il-progett ikun jista' jsehh. Huwa certament facli hafna li tghid li ghandek interess f'dan il-progett jew f'dak il-progett. Izda fil-konkret x'sar jew x'qieghed isir biex jigi fattwalizzat il-progett tal-Parlament? Ghaliex kellhom jigu inizjati dawn il-proceduri qabel ma l-Gvern ha passi biex jaghmel stima ta' dawn il-fondi u

jinnotifika lis-socjeta` attrici bin-*notice to treat*? B'riferenza ghall-kuntratti li permezz taghhom il-Gvern akkwista l-fondi numri 10A, 11 u 12 Triq San Pawl, Valletta, intqal li dawn saru ghax ***"insistew is-sidien hemmhekk"*** (xiehda ta' Anthony Mifsud ta' l-24 ta' Lulju 2000). Il-Qorti tistaqsi jekk ghandhiex tkun din il-procedura korretta, cioe` li jinsistu s-sidien. Jekk il-Gvern ghandu interess f'progett li jrid iwettaq m'ghandux ikun l-istess Gvern li jinsisti biex jakkwista l-proprjeta`? Jekk il-progett tal-Parlament huwa daqstant progett ta' interess nazzjonali jew ta' interess generali, f'perijodu ta' aktar minn tnax-il sena ma kinux jigu avvanzati pjanijiet konkreti ghall-izvilupp imsemmi?

L-interess indikat minn Anthony Mifsud hu interess vag ghall-ahhar u dan johrog evidenti wkoll mid-dikjarazzjoni li ghamel li ***"l-Gvern jidhirlu li anke mill-punto di vista ta' sigurta` ghandu jkun, biex nghidu hekk, bini tal-Gvern"***. Ghalkemm jidher li qieghed jindika raguni ohra ghaliex il-fondi msemmija ghandhom ikunu tal-Gvern, effettivament dan ifisser li il-fondi in kwistjoni ghandhom jigu mizmuma ghall-possibilita` ta' zvilupp fil-futur mill-Gvern, jekk u meta jqum il-bzonn.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix li ma jezistix bilanc gust bejn il-htigijiet ta' l-interess generali tal-komunita` u l-interferenza kontinwa mat-tgawdija pacifika li ghandha dritt ghaliha s-socjeta` rikorrenti fuq il-fondi li gew milquta bid-dikjarazzjoni ta' l-Agent President ta' Malta tal-21 ta' Marzu 1989. Ghalhekk tikkonkludi li jezisti vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

<u>Dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli</u>

Is-socjeta` rikorrenti ssostni li giet imcahhda mill-possibilita` ta' access ghal-Land Arbitration Board peress li ghal ghaxar snin shah ma kenitx irceviet in-*notice to treat* li jinizja l-procedura relattiva. Hija rreferiet ghad-decizjoni tal-Qorti ta' Strasbourg f'**Le Compte, Van Leuven u De Meyere** tat-23 ta' Gunju 1981 li stabbiliet li l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja mhux applikabbli biss ghal proceduri diga` inizjati izda ***"it may also be***

***relied on by anyone who considers that an interference with the exercise of one of his (civil) rights is unlawful and complains that he has not had the possibility of submitting that claim to a tribunal meeting the requirements of article 6(1)”***. L-intimati jsostnu li l-proceduri ma gewx inizjati minhabba nuqqas ta’ kooperazzjoni da parti tas-socjeta` rikorrenti, li galadarba ma bdewx proceduri gudizzjarji wiehed ma jistax ighid li hemm nuqqas ta’ smigh xieraq, li fil-kaz imsemmi l-applikanti ma kellhomx access ghal qorti jew tribunal nazzjonali biex jigu diskussi l-mizuri ta’ esproprjazzjoni mehuda mill-Gvern, u li s-socjeta` rikorrenti setghet inizjat proceduri taht l-Att XIV tal-1987 sa mill-1989 stess.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet ta’ l-intimati. Jigi osservat l-ewwelnett li l-fatt li s-socjeta` rikorrenti setghet irrikorriet ghall-proceduri opportuni biex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali taghha sa mill-1989 mhuwiex certament dak li kellha f’mohha l-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. M’hemmx dubju li dawk il-proceduri huma proceduri ta’ natura straordinarja. Il-proceduri li dwarhom kienet qed titkellem huma l-proceduri ordinarji li l-individwu jista’ jkollu dritt ghalihom skond il-ligijiet tal-pajjiz, fil-kaz in ezami l-access ghal-Land Arbitration Board wara li l-individwu jigi notifikat bin-*notice to treat*, joggezzjona ghall-prezz offert u l-Kummissarju ta’ l-Artijiet jintavola rikors quddiem dak il-Bord. Jigifieri l-individwu jrid jiddependi minn kemm il-Gvern jipprocedi bi speditezza. Fil-kaz odjern il-Gvern wasal fi ftehim ma’ uhud mis-sidien fi zmien ta’ bejn sitta u seba’ snin minn meta nharget id-dikjarazzjoni ta’ l-Agent President tar-Repubblika, u fil-kaz tas-socjeta` rikorrenti n-*notice to treat* giet notifikata biss f’Lulju 2000. Is-socjeta` rikorrenti oggezzjonat ghall-prezz offert u mhuwiex maghruf li sallum gew inizjati proceduri mill-Gvern quddiem il-Land Arbitration Board. Fil-fehma tal-Qorti l-kliem tal-Qorti Ewropeja fil-kawza citata huwa car u japplika ghall-kaz odjern. Sallum fil-fatt is-socjeta` rikorrenti kienet priva mill-possibilita` ta’ smigh xieraq dwar id-dritt taghha ghal kumpens xieraq skond il-provvedimenti tal-Kap 88. L-intimati jsostnu li d-dewmien kien biss tort tas-socjeta` rikorrenti li ma kkooperatx u ma resqitx id-dokumenti opportuni dwar il-provenjenza tal-

fondi in kwistjoni. Huwa minnu li kieku s-socjeta` rikorrenti ssottomettiet tali dokumenti fi stadju bikri l-*iter* seta' jithaffef aktar. Izda, kif diga` gie osservat aktar 'il fuq, kien il-Gvern li kien qieghed isostni li l-fondi in kwistjoni kienu mehtiega fl-interess nazzjonali  jew fl-interess generali ghall-progett imsemmi u kien imiss lilu li jittermina l-process fi zmien ragonevoli. Wara kollox fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, kif ammetta n-Nutar Vincent Miceli, hemm sezzjoni li taghmel ir-ricerki mehtiega. Progett allegatament ta' tant importanza kien jinghata priorita`. Dan ma sarx. Ghalhekk il-Qorti tqis li hemm ksur tad-dritt tas-socjeta` rikorrenti ghal proceduri fi zmien ragonevoli taht l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja izda mhux ukoll taht l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni li tipprospetta s-sitwazzjoni meta jkun hemm proceduri ga` mibdija quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti.

<u>Decizjoni</u>

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi:

(1) tiddikjara li d-Dikjarazzjoni ta' l-Agent President tar-Repubblika maghmula skond il-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta kif tidher fin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 169 tal-21 ta' Marzu 1989 in kwantu tirrigwarda l-fondi numri 4, 5, 6, 7, 8 u 9, Triq San Pawl, Valletta, u komplessivament maghrufin bhala "Canberra House", tilledi d-dritt tas-socjeta` rikorrenti kif protett bl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali stante li ma jezistix interess pubbliku ghat-tehid ta' l-istess bini proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti u li ma gewx effettivament approprjati mill-awtorita` pubblika,
(2) konsegwentement tiddikjara d-Dikjarazzjoni msemmija in kwantu tolqot il-fondi in kwistjoni bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u
(3) tiddikjara li d-dewmien fl-inizjar tal-proceduri biex ikun jista' jigi determinat il-kumpens xieraq lis-socjeta` rikorrenti jikkostitwixxi ksur tad-dritt tas-socjeta` rikorrenti protett mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.”

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina d-diversi aggravji ta’ l-appellanti. L-ewwel aggravju ta’ l-appellanti hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li ma kienx jezisti interess (jew skop) pubbliku fl-esproprjazzjoni *de quo*. L-appellanti jghidu li t-test ta’ “konkretezza u attwalita`” adoperat mill-ewwel Qorti fuq l-iskorta ta’ dak li gie ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza kostituzzjonali ***Pawlu Cachia v. Avukat Generali et*** (deciza in prim istanza fid-9 ta’ April, 1999) hu zbaljat. Huma jenfasizzaw fir-rikors taghhom li din il-kawza ta’ Cachia kienet ghadha soggetta ghal appell da parti tal-Gvern; u jkomplu hekk:
**“…il-Qorti [ta’ Prim Istanza] ghazlet illi tiddeciedi illi l-progett tal-Parlament qatt ma huwa se jsir non ostante illi kellha xhieda ta’ wiehed mill-oghla ufficjali tal-Gvern li kkonfermat illi dan il-progett ma giex skartat. Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti jsostnu illi hija ma ghandha ebda mansjoni Kostituzzjonali biex tiddeciedi li jekk progett idum aktar minn certu zmien dan ifisser illi mhux ser isir. Effettivament l-ewwel Onorabbli Qorti approprijat ghaliha l-poter li tiddetermina jekk progett tal-Gvern ghandux isir jew le u meta – haga li palesement taqa’ fil-mansjonijiet Kostituzzjonali tal-Ezekuttiv u mhux tal-Gudikatura.”**

Dwar dan l-ewwel aggravju, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta’ April, 1999 fl-ismijiet ***Pawlu Cachia v. Avukat Generali et*** giet effettivament konfermata fis-sustanza minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-28 ta’ Dicembru, 2001. F’dik is-sentenza ta’ din il-Qorti (kif dak iz-zmien komposta) gew elenkati il-principji li ghandhom jiggwidaw Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha meta jigi allegat li t-tehid ta’ proprjeta` da parti tal-Gvern ikun jilledi d-dritt fondamentali jew kostituzzjonali ta’ dak li jkun in tema ta’

godiment tal-proprjeta`. Hu evidenti li l-appellanti ghadhom ma hadux konjizzjoni sew, jew ghadhom ma fehmux, dawn il-principji, ghax kieku hadu konjizzjoni taghhom jew fehemuhom din il-Qorti hi konvinta li l-appellanti odjerni kienu jimmodifikaw sostanzjalment l-attitudini taghhom versu dan l-appell kif manifestat fir-rikors ta' appell – haga li baqghu ma ghamluhiex, anzi fl-udjenza tal-5 ta' Mejju, 2003 id-difensur tal-appellanti baqa jsostni kull ma kien gie riportat f'dak ir-rikors. Din il-Qorti ser terga' tirrikapitola dawn il-principji biex forsi ma jibqghux isiru sottomissjonijiet da parti ta' l-Avukat Generali u tal-Kummissarju ta' l-Artijiet li maz-zmien qed jibdew jirrazentaw il-fieragh. Dawn il-principji huma:

**1. Il-ligijiet li jaghtu s-seta' lill-Istat li jesproprija proprjeta` ta' individwi huma rikonoxxuti bhala mehtiega f'socjeta` demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita`. L-ezistenza ta' dawn il-ligijiet hi addirittura rikonoxxuta fl-istess Kostituzzjoni (Art. 37(2)) kif ukoll fl-Arikolu 1 tal-l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**2. Id-dritt moghti lill-Istat li b'ligi jesproprija l-propreta` tal-privat ma hux wiehed assolut u insindakabbli, izda ghandu f'kull kaz jigi ezercitat strettament fil-parametri stabbiliti mhux biss fil-ligi li tawtorizza l-espropriju, imma wkoll fl-osservanza tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward l-operat ta' l-Istat hu soggett ghall-verifika mill-organi gudizzjarji.**

**3. Id-dritt ta' l-espropriju moghti lill-Istat ghandu jitqies li hu eccezzjoni, ossia limitazzjoni tad-dritt fondamentali ta' kull individwu li jgawdi l-proprjeta` tieghu, jew, fi kliem il-Konvenzjoni, tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu. Dan ifisser li l-jedd ta' l-individwu ghandu jipprevali fejn l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-ligi li bis-sahha taghha agixxa. Il-limitazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali, kif enuncjati kemm fil-kostituzzjoni kif ukoll fil-konvenzjoni, kellhom ghalhekk jigu applikati**

**restrittivament fis-sens li f'kaz ta' dubbju dak id-dubbju kellu jmur favur l-individwu u mhux favur l-Istat. Dan ma jfissirx, pero`, li fejn l-Istat ghandu margini wiesgha ta' azzjoni dan kellu jigi b'xi mod imnaqqas jew imxekkel b'xi process ta' interpretazzjoni.**

**4. Kien jispetta lil, u jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-kaz partikolari li jkun taht ezami kienu jikkonkorru dawk l-elementi *sine qua non* mehtiega biex jintitolawh jagixxi fil-konfront ta' l-individwu b'mizura, in forza ta' ligi, li tkun ser tipprivah mill-possedimenti tieghu jew mill-uzu taghhom. Galadarba d-dritt ta' l-Istat li jesproprija jew jillimita l-uzu tal-possedimenti ta' l-individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tieghu, dak id-dritt kellu jigi ezercitat biss fejn u sa kemm kien necessarju, u dan ukoll peress li hu fuq kollox obbligu primarju ta' l-istess Stat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali ta' l-individwu, iwettaqhom u jharishom. Isegwi, ghalhekk, li l-Istat ma jistax bla bzonn ixekkel il-jedd ta' l-individwu ghat-tgawdija tal-possedimenti tieghu, u tali xkiel, fejn mehtieg, kellu mhux biss ikun proporzjonat mal-htigijiet tal-kollettivita` imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-htigijiet taghha.**

**5. Isegwi il-principju bazilari fejn si tratta ta' esproprjazzjoni li fejn il-process tat-tehid tal-proprjeta` ma jkunx gie konkluz, u allura l-mizura setghet titqies f'dak l-istadju bhala wahda ta' tehid ta' pussess jew regolament ta' uzu ta' proprjeta`, l-Istat kellu l-obbligu li jirrilaxxja l-possediment lill-individwu li jkun proprjetarju tieghu biex igawdih bla xkiel, appena jkun jirrizulta li ma kienitx ghadha tokkorri r-raguni valida u gustifikativa li pprovokat l-azzjoni ta' l-Istat fl-ewwel lok.** [2]

Fid-dawl ta' dawn il-principji hu evidenti li l-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu infondat. Minkejja li kienu ghaddew

[2] Ara f'dan is-sens ukoll id-decizjoni ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***Francis Bezzina Wettinger et v. Kummissarju ta' l-Artijiet***.

aktar minn ghaxar snin mid-dikjarazzjoni tal-Agent President li Canberra House kienet mehtiega ghal skop pubbliku sa meta gie intavolat ir-rikors promotur ta' din il-kawza, l-Istat (u aktar u aktar l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet) ma kien ghamel assolutament xejn biex jikkonkretizza l-pjanijiet sabiex din Canberra House tigi wzata ghall-progett li darba kien gie manifestat u cioe` ghall-"espansjoni" tal-Berga ta' Kastilja biex il-blokk bini kollu (li jinkludi il-palazz li llum jakkomoda l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin) ikun jista' jilqa' fih ukoll il-Parlament, ossia l-Kamra tad-Deputati. Huwa ferm sinjifikattiv li kien biss wara li gie ppresentat ir-rikors promotur, jigifieri wara s-16 ta' Novembru, 1999, li l-Kummissarju ta' l-Artijiet qabbad perit biex jaghmel valutazzjoni tal-proprjeta` in kwistjoni[3] u in segwitu baghat l-avviz ta' offerta ta' kumpens. Dan ifisser li ghal aktar minn ghaxar snin is-socjeta` rikorrenti appellata inzammet fi stat ta' incertezza bl-interferenza kontinwa fit-tgawdija pacifika taghha ta' l-imsemmija fondi, incertezza naxxenti mid-dikjarazzjoni tal-Agent President – kien hemm id-dikjarazzjoni ta' esproprjiu, pero` l-bini bic-cwievet b'kollox[4] baqa' f'idejn is-socjeta` rikorrenti. L-unika gustifikazzjoni li jgibu 'l quddiem l-appellanti ghal din l-istasi ta' ghaxar snin hi li progett bhal dak li kien hemm wara d-dikjarazzjoni ta' l-Agent President tal-21 ta' Marzu, 1989 (riferibbilment ghall-fondi *de quo*) hu wiehed kompless u jirrikjedi hafna negozjati u diskussjonijiet (ara d-deposizzjoni ta' Anthony Mifsud, fol. 77 *et seq* u fol. 83 *et seq.*). Pero`, tistaqsi din il-Qorti, allura ghalfejn harget id-dikjarazzjoni ta' l-Agent President fl-1989? Filwaqt li hu indubitat li l-Istat (principalment permezz tar-ram Ezekuttiv) ghandu d-dritt li jiddetermina hu x'inhuma l-progetti li ghandu jintraprendi fl-interess tal-kollettivita`, u anke jistabilixxi l-priorita` bejn id-diversi progetti li, kif jigri hafna drabi, ma jkunux jistghu jitwettqu kollha f'salt, mill-banda l-ohra ma hux gust li l-individwu (jew, bhal f'dan il-kaz, persuna guridika) jigi assoggettat ghal aktar minn ghaxar snin ghal interferenza fil-possedimenti tieghu (minghajr ma l-art effettivament

---

[3] Il-Perit Joseph Mizzi (fol. 53 *et seq.*) infatti kkonferma li kien fit-tlettax ta' Jannar, 2000 li huwa irceva ittra minghad il-Kummissarju ta' l-Artijiet biex jispezzjona l-fond, ossia fondi, u jistmahom.

[4] Ara d-deposizzjoni ta' Albert Mamo, fol. 44.

tittiehed mill-Istat) minghajr ma dak il-progett, li kien wara d-dikjarazzjoni ta' espropriju, jibda b'xi mod jikkonkretizza ruhu. Kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti meta rriteniet li, meta gie intavolat ir-rikors promotur ta' din il-kawza, ma kienx jezisti bilanc gust bejn il-htigijiet ta' l-interess generali tal-komunita` (jew kollettivita`) u l-interferenza kontinwa mat-tgawdija pacifika li s-socjeta` rikorrenti kellha dritt ghaliha fir-rigward tal-fondi maghrufa bhala Canberra House. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju tal-appellanti jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' l-ewwel Qorti (fid-*decide*) li d-Dikjarazzjoni ta' l-Agent President li tidher fin-Notifikazzjoni tal-Gvern 169/1989 tal-21 ta' Marzu 1989 (u ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-istess data) in kwantu tirrigwarda l-fondi numri 4, 5, 6, 7, 8 u 9 Triq San Pawl, Valletta kienet "nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi". L-appellanti jikkontendu li, galadarba l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li fl-1989 kien hemm progett li kien gie konkretament manifestat fil-fatt li fl-estimi tal-1990 giet allokata s-somma ta' Lm400,000 ghal "New Parliament Building", l-ewwel qorti ma setghetx "retroattivament" tiddikjara nulla id-Dikjarazzjoni Presidenzjali. L-appellanti ghandhom ragun f'dan ir-rigward. Dan il-punt kien gie deciz kemm fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) fl-ismijiet ***Pawlu Cachia v. Avukat Generali et*** kif ukoll f'dik fl-ismijiet ***Francis Bezzina Wettinger et v. Kummissarju ta' l-Artijiet***, li ghalihom saret referenza aktar 'l fuq f'din is-sentenza. Ir-rimedju kellu jkun mhux li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali tigi dikjarata nulla u bla effett, stante li meta saret dik id-Dikjarazzjoni kien hemm il-presupposti kollha legali ghall-validita` taghha, izda li dik id-dikjarazzjoni kellha titqies li kienet minghajr effett (dejjem riferibbilment ghall-fondi in kwistjoni) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u dana b'sehh mid-data tas-sentenza appellata.

It-tielet aggravju tal-appellanti jirrazenta l-fieragh. L-appellanti jippretendu li a bazi tad-disposizzjoni tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, Qorti ma tistax tissindika jekk xi haga maghmula taht il-Kap. 88 jivvjolax id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni. L-argument tal-appellanti

hu bazikament is-segwenti:- (a) skond l-Artikolu 47(9), ebda haga maghmula skond u taht il-Kap. 88 ma tista' titqies li hi leziva tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; (b) dan ifisser li dak maghmul skond u taht l-imsemmi Kap. 88 hu skond il-Kostituzzjoni jew "kostituzzjonalment validu"; (c) il-Kap. 319 huwa "ligi ordinarja"; (d) konsegwentement wiehed ma jistax jissindika taht il-Kap. 319 l-operat taht xi ligi li tkun "protetta" mill-Kostituzzjoni ghax altrimenti wiehed ikun qed juza "ligi ordinarja" – il-Kap. 319 – biex jissindika l-Kostituzzjoni. Frankament din il-Qorti ilha ma tara dan it-tip ta' sofizmu fil-kawzi li jigu quddiemha. Dak li evidentement u konvenjentement qed jinsew l-appellanti hu li l-Kap. 319, permezz tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Protokolli migjuba fl-Ewwel Skeda, jaghti protezzjoni ghad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali <u>li hi indipendenti ghal kollox</u> minn dik il-protezzjoni moghtija fil-Kostituzzjoni. In fatti hu risaput li hemm xi disposizzjonijiet li huma aktar liberali (in kwantu joffru protezzjoni aktar lill-individwu) fil-Konvenzjoni, u, fir-rigward ta' xi drittijiet ohra, hemm certi disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jistghu jkunu aktar liberali minn dawk tal-Konvenzjoni (per ez. qabel ma' l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll gie introdott fl-Ewwel Skeda, kienet il-Kostituzzjoni u mhux il-Konvenzjoni li kienet tabraccja il-principju tan-*ne bis in idem* – Art. 39(9)). Ma hemm xejn strordinarju, ghalhekk, kif donnhom qed jikkontendu l-appellanti li dak li sar skond il-Kap. 88 jigi ritenut leziv tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghalkemm ma jkunx jista' jitqies leziv tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 47(9) ta' l-istess Kostituzzjoni.

L-ahhar aggravju tal-appellanti jirrigwarda s-sejbien ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. L-appellanti jikkontendu li ma kienx hemm provi li juru ksur f'dan ir-rigward. Jikkontendu wkoll li l-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra l-kontradizzjoni riflessa fit-talbiet imressqa mis-socjeta` rikorrenti – *"Minn naha l-wahda s-socjeta` rikorrenti talbet li d-dikjarazzjoni Presidenzjali tal-1989 tigi dikjarazzjoni* [dikjarata?] *nulla stante li ma kienx hemm skop pubbliku ghat-tehid tal-proprjeta`, filwaqt li min-naha l-ohra is-socjeta` rikorrenti ilmentat li kienet ghadha ma thallsitx kumpens ghat-tehid tal-proprjeta` u li ma kelliex*

*opportunita` tikkontesta l-kumpens offrut"*. Din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid dwar dan l-aggravju. Kwantu ghall-kwistjoni tad-dewmien *per se* din il-Qorti ma tarax li ghandha xi zzid ma' dak rilevat fis-sentenza appellata u mal-konkluzzjoni hemm milhuqa. Kwantu ghall-kwistjoni tal-"kontradittorjeta`" fit-talbiet din il-Qorti ma tara li hemm xejn li kien jipprekludi lis-socjeta` rikorrenti appellata milli tallega li fiz-zmien meta gie intavolat ir-rikors promotur ma kien ghad hemm ebda interess pubbliku li jissorregi id-Dikjarazzjoni Presidenzjali (u l-interferenza fil-proprjeta` naxxenti minnha) u fl-istess waqt titlob dikjarazzjoni li mid-data tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali sad-data tal-imsemmi rikors hija kienet giet imcahhda mill-possibilita` ta' access ghall-*Land Arbitration Board* biex ikun jista' talvolta jigi determinat il-kumpens gust ghall-eventwali tehid tal-proprjeta`. Sakemm id-Dikjarazzjoni Presidenzjali kienet ghadha fis-sehh fir-rigward tal-proprjeta` *de quo* il-presunzjoni kienet li kien hemm interess u skop pubbliku; huwa biss permezz tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti li tali presunzjoni giet imxejna. Konsegwentement din il-Qorti ma tara ebda validita` f'dana r-raba' aggravju tal-appellanti, u ghalhekk ser tichdu.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bil-precisazzjoni dovuta, pero`, li d-Dikjarazzjoni tal-Agent President aktar 'l fuq imsemmija ma kellhiex titqies nulla izda kellha titqies bhala li kienet minghajr effett (riferibbilment ghall-fondi numru 4. 5, 6, 7, 8 u 9 Triq San Pawl, Valletta komplessivament maghrufin bhala Canberra House) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u dana b'sehh mid-data tas-sentenza appellata, cioe` mill-11 ta' Lulju, 2001. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati mill-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------